MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 864/2006

Medarea Forex Services Limited
vs
Remote Technologies Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Andrea Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti li bih espona:

Illi l-kontendenti kkonkludew ftehim privat datat 5 ta' April, 2006, anness mar-rikors u mmarkat bhala 'Dok A', li in forza tieghu s-socjeta` rikorrenti qua agent tad-ditta barranija Western Union Financial Services Inc appuntat lis-socjeta' intimata bhala rappresentant taghha u dan sabiex tkun tista' toffri servizzi ta' money transmission ai termini ta' l-istess ftehim imsemmi;

Illi s-socjeta' intimata bi ksur ta' l-obbligi taghha skond il-ftehim Dok A inkluz l-artikolu H ta' l-istess naqset milli

tghaddi lis-socjeta` rikorrenti bilanc ta’ hmistax-il elf tlett mija u sittin liri Maltin u seba’ centezmi (Lm15,365.07) dovuti lis-socjeta` rikorrenti wara li tnaqqas il-commisions dovuti lis-socjeta` intimata skond l-imsemmi ftehim Dok A u dan kif jirrizulta mid-dokument maghruf bhala ***‘Activity Report by Location’*** anness mar-rikors u mmarkat bhala ‘Dok B’;

Illi, addizzjonalment mas-somma fuq imsemmija, is-socjeta` intimata kellha taghti lis-socjeta` rikorrenti bilanc ta’ tlett elef tnejn u tletin liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm3,032.16) wara li cekk mahrug mis-socjeta` intimata li jgib in-numru mitejn (200) datat 5 ta’ Awissu, 2006, anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok C, gie ***‘referred to drawer’***;

Illi, ghalhekk, b’kollox, is-socjeta` intimata kellha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta’ tmintax-il elf mija u sebgha u disghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm18,397.23) dovuti kif fuq premess;

Illi s-socjeta` intimata minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont minnha dovut, baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ma kellha l-ebda eccezzjonijiet x’tissolleva kontra t-talbiet rikorrenti;

Illi, ghaldaqstant, huma applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispens mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 et seq, tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

Illi dan kollu r-rikorrenti jaf bih personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 et seq, tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. Konsegwentement, tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta’ tmintax-il elf tlett mija sebgha u disghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm18,397.23), lilha dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju numru 1430/06 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 1431/06, u bl-interessi kummercjali skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti filwaqt li taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 et seq, tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, qed tilqaghha u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta’ tmintax-il elf tlett mija sebgha u disghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm18,397.23).

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------